MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 226/2011

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Albano Grima – ID-245769-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u Ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,201.33c), rapprezentanti ammont dovut lis-Socjeta' attrici bhala servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat bhala "Dok. A").
Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u Ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,201.33c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------